29 ta' Mejju, 1961

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt, LL.D.**

Pupull Cassar

*versus*

Maurice Abela, B.Sc., et ne.

**Elezzjonijiet — Gvern Lokali ta' Għawdex — Nomina tal-Kandidati — Nullità Regolamenti tal-1961 dwar l-Elezzjoni tal-Gvern Lokali ta' Għawdex.**

*Fin-nomina ta' kandidat għall-Elezzjoni tal-Gvern Lokali ta' Għawdex, l-indikazzjoni tal-isem sħiħ ta' kull proponent b'ittri kbar taħt il-firma hi parti mill-formola preskritta mill-liġi għall-finijiet tal-identità tal-persuna li tkun għamlet il-firma; u jkun hemm żball gravi jekk il-persuna li l-isem tagħha jidher b'ittri kbar tkun persuna differenti minn dik li ffirmat. F'kontinġenzi simili, in-"nomination paper" ma tkunx ġiet mimlija u sottoskritta skond il-liġi; u l-Kumissjonarji Elettorali għandhom id-dritt, u jagħmlu sewwa, li jiddikjarawha invalida.*

Dan hu appell mid-deċiżjoni tal-Uffiċjal Elettorali Prinċipali u l-Kummissjonarji Elettorali biex imexxu l-elezzjonijiet tal-Gvern Lokali ta' Għawdex, li biha n-nomina tal-appellant ġiet dikjarata invalida fuq ir-raġuni illi l-"particulars" tat-tielet proponent (Michel Angelo Vella) mhumiex kif rikjesti mill-liġi;

L-appellant talab li dik in-nomina tiegħu bħala kandidat għall-Gvern Lokali ta' Għawdex għall-Kumitat Distrettwali taż-Żebbuġ, inattiża d-deċiżjoni fuq imsemmija, tiġi dikjarata valida, billi l-Qorti tordna lill-appellati li jdaħħlu minnufih l-isem u l-partikularitajiet l-oħra tal-appellant fil-lista publikata minnhom għall-elezzjoni li għandha ssir fl-4 ta' Ġunju 1961, kif hemm maħsub fir-Regolament 13 (14) tat-Tielet Skeda ntitolata Regolamenti tal-1961 dwar l-Elezzjoni tal-Gvern Lokali ta' Għawdex;

Din il-Qorti taqbel mad-deċiżjoni appellata. Il-Formola, fl-Iskeda, hi parti mill-liġi; u l-indikazzjoni tal-isem sħiħ ta' kull proponent b'ittri kbar taħt il-firma hi parti ta' dik il-Formola preskritta mill-liġi għall-finijiet tal-identità tal-persuna li tkun għamlet il-firma;

Fil-każ preżenti, hemm l-iżball gravi illi l-persuna li l-isem tagħha jidher b'ittri kbar hija persuna differenti minn dik li ffirmat. Għalhekk in-"nomination paper" ma ġietx mimlija u sottoskritta skond il-liġi, u l-appellati kellhom id-dritt, u għamlu sewwa, li ddikjarawha invalida;

Għalhekk, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.